MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Numru. 533/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Raymond Galdes**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Raymond Galdes**, ta' hamsa u erbghin (45) sena, iben Alfred u Stella neé Zammit, imwieled Pietà nhar il-5 ta' Gunju 1967, residenti 90, Triq San Vincenz, Hamrun, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 308767(M), akkuzat talli:

1. fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Jannar 2007 minn gewwa l-hanut bl-isem ta' Union Bar li jinsab gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, ikkometta serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat bl-ammont li

jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda ma jeccediex l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' John Pace u/jew persuna/i ohra;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioé fuq *vending machine*, *amusement machine* u bieb, liema ammont ta' hsara tiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) ghad-detriment ta' John Pace u/jew persuna/i ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi, a rigward il-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputat (li minkejja li mhijiex

wahda nadifa ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja), u l-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Pulizija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(h), 261(b), 261(c), 261(f), 263, 267, 270 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Raymond Galdes taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Raymond Galdes bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Raymond Galdes.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------